L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 20 ta' Mejju 2005

**Sfregju li sar fuq wirt artna**

Ma nistax ma nurix is-soghba u d-dieqa tieghimeta nisma' ahbarijiet bhal ma nstemghu gimghatejn ilu meta sirna nafu li sar sfregju fuq il-Bieb tal-Bombi.

Il-bini ta' dan il-bieb kien sar mill-Gran Mastru Ramon Perellos y Roccaful fl-1721 u l-perfezzjonament strutturali tieghu kien tmexxa mill-arkitett FrancIz Mondion.

Ta' min jghid li Mondion kien wiehed minn dawk l-inginieri militari Francizi li hadem ghal 44 sena biex jiffortifika r-renju ta' LwigI XIV - ir-Re Xemx ta' Franza - dak ir-re li ghex gewwa Versailles - u li ghal dan l-inginier Vauban jintqal li, "jekk belt hija ffortifikata minn Vauban hija impenetrabbli u invincibbli."

Forsi ghalhekk li mhux b'kumbinazzjoni li fuq il-Bieb tal-Bombi taghna nsibu l-kitba: "Kif jien nista' niggieled it-Trakjani (Torok) kullimkien, hawnhekk jien nghix bla biza' 1721."

Bieb il-Belt fil-bidu ma kienx kif nafuh illum.  Kien jikkonsisti minn fetha wahda biss fis-swar.

Kien fi zmien l-Inglizi - fis-Seklu 19 - li nfethet it-tieni arkata u twaqqghu s-swar ta' mal-genb halli jaghmlu spazju ghat-traffiku dejjem jikber ta' dak Iz-zmien.  U b'hekk gejna b'bieb doppju kif nafuh illum.

Meta din l-istruttura, li hija wkoll struttura trionfali, titqabbel ma' xoghlijiet ohrajn ta' zmienha, wiehed jinnota certi partikolaritajiet fl-iskultura taghha.  Jinnota s-sbuhija tal-finjali - il-pedestalli ta' fuqha (b'kollox tlieta) skulturati min-naha tat-tnejn.

It-tema ta' l-iskultura taghhom hija mzewqa b'armi tal-gwerra bhal kanuni, xwabel imrikkbin, kanuni u ktajjen, armarju tal-kavallieri u ghall-ewwel darba l-pistola.  Fiha wkoll l-irjus maqtugha u mdahhlin f'lanza ('at stake') li jwissu lill-ghadu u jfakkruh li jekk jidhol mill-bieb tal-Floriana 'l gewwa dak li jigrilu.

Ir-rabja li titnissel f'kull min japprezza l-patrimonju kulturali ta' pajjizu (li f'Malta huwa prezenti kullimkien) hija wahda bil-ferm iggustifikata. Ta' min jghid li l-wirt barokk Malti - li tant Maltin jiehdu 'for granted' hija koncentrazzjoni unika fid-dinja ta' dan l-istil.

L-arkitetti tal-Belt, il-Floriana, it-tliet ibliet u bnadi l-ohrajn kollha ta' Malta kienu l-istess li ffortifikaw Ruma u li bhal Mondion iffortifikaw lil Franza u li bnew bini f'Parigi kif nafuha llum.

Forsi min waddab iz-zejt mahruq dan kollu ma jafux. Dan l-att vandalu kien ftit jew wisq ekwivalenti ghal dak li gara ghal darba darbtejn fit-Tempji ta' l-Imnajdra ghalkemm forsi, fortunatament, fuq skala inqas.

Meta se jitghallmu dawn il-Maltin jesprimu l-ghadab taghhom b'mod gust u mhux billi jkissru l-patrimonju li hallewlna l-Kavallieri ta' San Gwann u nies li ghexu f'din il-gzira qabilna? Huwa wirt li qeghdin naqilghu l-ghixien taghna minnu bhala pajjiz.

Kulhadd ghandu jiddeplora kotegorikament atti vandali bhal dawn. Iktar u iktar meta jkun ghadu kif sar restawr iqum il-flus fuqhom.

Sfortunatament il-process ta' restawr u z-zamma ta' wirt bhal dan f'pajjizna jsir b'rata ferm kajmana. Ghalhekk l-insult lejn il-poplu Malti b'dak l-att vandalu huwa doppju. Malta tal-lum m'ghanhiex biex tiffinanzja z-zamma ta' dak li wirtet.

M'ghandhiex hakkiema jibnulha l-palazzi. Ghandna xorti ghandna flus bizzejjed biex ma nhallux jiggarraf dak li ghandna diga. Ninsabu f'qaghda ekonomika kerha. Xoghlijiet ta' restawr jiehdu snin twal biex jitlestew u jiswew ammonti kbar ta' flus. Difficli tifhem ghalhekk kif ghal certi nies dan ma jfisser xejn.

Forsi l-ghadab li wiehed ipprova jesprimi kien lejn il-Gvern? Hemm diversi modi ohrajn civili kif dan seta' jigi espress!

Bhal ma dejjem insostni. Il-Kavallieri ta' San Gwann, permezz tal-Gran Mastri taghhom kienu joghxew jaraw isimhom minqux fuq il-blat bir-rigali li taw lil pajjizna.

Nofs l-ibliet u rhula Maltin jaghrfu lil Gran Mastru jew iehor bhala benefattur taghhom. U dan kollu kienu jiffinanzjawh minn buthom u mill-gid personali taghhom. J'Alla dawn it-tip ta' politici li jaghtu iktar milli jiehdu, jergghu jibdew jezistu f'pajjizna.

Ghax issa spiccajna n-naha l-ohra ta' l-ispettru. Il-politiku sar iktar jiehu l-art tal-Gvern biex jaghtiha lill-individwi hbieb tieghu bix-xelini. Mela, f'gieh il-Kavallieri ta' San Gwann, napprezzaw ir-rigali li hallewlna ta' qabilna li huma ftit mir-rizorsi f'pajjizna li minnhom ghadna naghmlu l-flus.